**Il-Ġimgħa**

**L-1 ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**
1.
Kristu, Verb etern, Bin Alla,
li sirt bniedem minn Omm Verġni,
inti l-ġmiel u l-ferħ tas-sema,
il-qawmien u s-saħħa tagħna.
2.
Bħalma d-dawl tax-xemx għall-ħidma
ta' jum ġdid qed isejħilna,
hekk fl-ispirtu wkoll nitqanqlu
biex nibdewh bit-tifħir tiegħek.
3.
Inżel, Dawl ħanin, u keċċi
dlam il-lejl tad-dnub minn ruħna;
wettaq fina t-tama hienja
tal-qawmien għad-dawl tal-glorja.
4.
Ibqa' magħna w żommna ħielsa
bħala wlied id-dawl f'ħidmietna;
biegħed minna kull ma jħammeġ
il-fehmiet indaf ta' moħħna.
5.
Tkun il-fidi d-dawl ta' jiemna,
fiha nxettlu t-tama tagħna,
biex naraw il-frott imbierek
ta' l-imħabba li tqaddisna.
6.
Ġieħ u sebħ għal dejjem, Kristu,
Sultan twajjeb, jintradd lilek,
Lill-Missier, u lill-Ispirtu
Difensur u Faraġ tagħna. Amen.

**SALMODIJA**

Ant. 1 Int tilqa' bil-qalb vittmi xierqa fuq l-artal tiegħek, Mulej.
L-Għid: Mulej Alla, ftakar fija meta tiġi fis-saltna tiegħek.

**Salm 50 (51)**

Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek; *
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.

Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi; *
naddafni mid-dnub tiegħi. –

Għax jien nagħrafhom ħtijieti; *
id-dnub tiegħi dejjem quddiemi.
Kontrik biss jiena dnibt, *
u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt.
Hekk jingħaraf is-sewwa tal-kelma tiegħek, *
u bla tebgħa jidher il-ħaqq tiegħek.

Ara, jiena ssawwart fil-ħtija, *
u fid-dnub nisslitni ommi.
Int li tħobb il-qalb sinċiera, *
għallimni l-għerf fil-fond ta' qalbi.

Roxxni bl-ilma, u nissaffa; *
aħsilni, u aktar mis-silġ nibjad.
Agħmel li nisma' l-ferħ u l-hena, *
biex għadmi, li int sħaqt, jithenna.

Dawwar wiċċek minn ħtijieti; *
ħassar ħżuniti kollha.
Oħloq fija qalb safja, o Alla, *
u spirtu qawwi ġedded fija.

La twarrabnix minn quddiemek; *
tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek.
Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek, *
u bi spirtu qalbieni wettaqni.

Lill-midinbin ngħallem triqatek, *
u l-ħatjin lejk jerġgħu lura.
Eħlisni mill-piena tal-mewt, o Alla, †
Alla tas-salvazzjoni tiegħi; *
u lsieni jfaħħar il-ġustizzja tiegħek.

Iftaħli xufftejja, Sidi, *
u fommi jxandar it-tifħir tiegħek.
Għax lilek ma jogħġbokx is-sagrifiċċju; *
noffrilek vittmi maħruqa, u ma tilqagħhomx.
Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu l-qalb niedma; *
qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, o Alla. –

Agħmel il-ġid lil Sijon fi tjubitek; *
erġa' ibni l-ħitan ta' Ġerusalemm.
Imbagħad tilqa' bil-qalb vittmi xierqa, †
sagrifiċċji ta' vittmi maħruqa u mitmuma; *
imbagħad joffrulek għoġiela fuq l-artal tiegħek.

Ant. Int tilqa' bil-qalb vittmi xierqa fuq l-artal tiegħek, Mulej.
Ant. 2 Bil-Mulej isib il-ġustizzja u jitfaħħar in-nisel kollu ta' Iżrael.
L-Għid: Alla, is-Salvatur ta' Iżrael, hu tassew Alla mistur, hallelujah.

**Kantiku (Is 45,15-25)**

Tassew int Alla mistur, *
Alla ta' Iżrael, Salvatur.

Ilkoll imtlew bil-mistħija u l-għajb, *
telqu flimkien bl-għajb fuqhom
dawk li jsawru l-idoli.
Iżrael salva bis-saħħa tal-Mulej *
b'salvazzjoni għal dejjem;
qatt ma jkollkom m'niex tistħu u tiregħxu, *
għal dejjem ta' dejjem.

Għax dan jgħid il-Mulej, li ħalaq is-smewwiet; *
Alla hu, li sawwar l-art, għamilha u wettaqha;
ma ħalaqhiex għal xejn, *
sawwarha biex jgħammru fiha:
"Jien hu l-Mulej, ma hemm ħadd ħliefi! *
Jien ma tkellimtx bil-moħbi,
f'xi mkien mudlam ta' l-art.
Ma għedtx lin-nisel ta' Ġakobb,
'Fittxuni fil-fieragħ; *
Jiena l-Mulej, li ngħid is-sewwa
u nxandar id-dritt."

Inġemgħu, ejjew, ersqu flimkien, *
intom il-fdal tal-ġnus.
M'għandhomx għaqal dawk li jġorru
l-idoli tagħhom ta' l-għuda, *
dawk li jitolbu lil Alla li ma jsalvax.

Xandru u għidu bil-qawwa, *
u ftiehmu lkoll bejnietkom:
"Min ħabbru dan sa minn qabel? *
min xandru sa minn dak iż-żmien?
Mhux jiena l-Mulej? †
U ma hemm ebda Alla ħlief i; *
Alla ġust u salvatur: ma hemm ħadd għajri.

Duru lejja mill-ġdid, truf kollha ta' l-art,
u intom tkunu salvi, *
għax jien hu Alla, u ma hemm ħadd ħlief i.

Bija nnifsi ħlift, †
minn fommi ħarġet il-ġustizzja, *
u l-kelma ma terġax lura:

għax quddiemi tiltewa kull irkobba, *
bija jaħlef kull ilsien;
għalija għad jgħidu, *
‘Fil-Mulej waħdu hemm il-ħaqq u l-qawwa,
għandu għad jiġu, kollhom mistħija, *
dawk kollha li nkurlaw għalih;
bil-Mulej isib il-ġustizzja u jitfaħħar *
in-nisel kollu ta’ Iżrael.’ “

Ant. Bil-Mulej isib il-ġustizzja u jitfaħħar in-nisel kollu ta’ Iżrael.
Ant. 3 Idħlu quddiem il-Mulej b’għana ferrieħi.
L-Għid: Aqdu bil-ferħ lill-Mulej, hallelujah.

**Salm 99 (100)**

Għajtu bil-ferħ lill-Mulej *
nies kollha ta’ l-art,
aqdu bil-ferħ lill-Mulej, *
idħlu quddiemu b’għana ferrieħi.

Kunu afu li Jaħweh hu Alla; †
hu ħalaqna, u aħna tiegħu, *
aħna l-poplu tiegħu u ngħaġ tal-mergħa tiegħu.

Idħlu b’għana ta’ ħajr mill-bibien tiegħu, †
bit-tifħir fil-btieħi tat-tempju tiegħu; *
roddulu ħajr u bierku ismu! –

Għax twajjeb il-Mulej, †
għal dejjem it-tjieba tiegħu; *
minn żmien għal żmien il-fedeltà tiegħu.

Ant. Idħlu quddiem il-Mulej b’għana ferrieħi.

**LEZZJONI QASIRA Ef 4,29-32**

Ma għandha toħroġ minn fommkom ebda kelma mhix xierqa, imma kliem sewwa li jservi għall-bini tar-ruħ, fejn ikun meħtieġ, biex jagħti l-grazzja lil min jisma’. U tnikktux l-Ispirtu Qaddis ta’ Alla, li fih intom immarkati għall-jum tal-fidwa. Imrar, saħna, korla, għajat, tagħjir, dan kollu warrbuh minnkom, u wkoll kull ħażen ieħor. Kunu twajba ma’ xulxin, ħennu għal xulxin, aħfru lil xulxin, bħalma Alla ħafer lilkom fi Kristu.

**RESPONSORJU QASIR**

R. Fakkarni mas-sebħ fi tjubitek, * Għax fik jien nittama. Fakkarni.
V. Għarrafni t-triq li minnha għandi ngħaddi. * Għax fik jien nittama. Glorja. Fakkarni.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Il-Mulej ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu.
Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.

U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Il-Mulej ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu.

**PREĊI**

Kristu salva lill-bnedmin bil-mewt tiegħu fuq is-salib. Nadurawh, u nitolbuh bil-ħniena:
*Mulej, xerred fuqna t-tjieba tiegħek.*
Kristu, ix-xemx u l-jum tagħna, itfa' fuqna r-raġġi tad-dija tiegħek:
- nixxef ġewwa fina l-għeruq ta' kull ħażen.
Żomm taħt il-ħarsien tiegħek il-ħsibijiet, il-kliem u l-għemil kollu tagħna:
- agħtina ġurnata li fiha nogħġbuk f'kollox.
Dawwar wiċċek minn ħtijietna:
- ħassar ħżunitna kollha.
Ħenn għal kull min hu batut fi gżiritna:
- bil-mewt u l-qawmien tiegħek, agħti lil kulħadd il-faraġ ta' l-Ispirtu s-Santu.

**Missierna**

## Talba

O Alla, inti tkeċċi d-dlam ta' l-injoranza bid-dawl tal-Verb tiegħek; saħħaħ f'qalbna l-virtù tal-fidi li tajtna, u tħalli ebda tiġrib jitfi n-nar ta' l-imħabba li bil-grazzja tiegħek kebbist fina. B'Ibnek.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Amen.**